# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru 2016**

**Talba Nru: 223/16 CZ**

**ST Microelectronics (Malta) Ltd.**
**C 5338**

**vs**

**Karen Gafa'**
**(ID 303192 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Gunju 2016 fejn is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-intimata kienet impjegata mas-socjeta' attrici u itterminat l-impjieg taghha minghajr ma hadmet il-perjodu stipulat fil-ligi wara l-avviz ta' terminazzjoni taghha, u lanqas ma hallset l-ammont ta' elf, hames mija u sitta w ghoxrin Euro u sitta w erbghin centezmu (€1,526.46) dovut skond il-ligi, u dan ghad li giet interpellata biex thallas dan l-ammont.

Illi s-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal ghalhekk sabiex jikkundanna lll-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf, hames mija u sitta w ghoxrin Euro u sitta w erbghin centezmu (€1,526.46) ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Frar 2016 kontra l-intimata, li giet ingunta in subizzjoni.

Illi l-konvenuta, debitament notifikata, prezentat risposta fit-12 ta' Settembru 2016.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra n-nota prezentata fil-11 t'Ottubru 2016;

Ra l-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2016 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza a bazi tas-segwenti:

Id-difensuri tal-partijiet qeghdin jaqblu li tinghata sentenza fis-sens segwenti:

1) Illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas s-sorte minghajr imghax f'hames pagamenti ugwali mensili li jibdew mill-15 ta' Dicembru, 2016; b'dan illi jekk il-konvenuta tonqos milli thallas skadenza wahda titlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont jew bilanc minnu ikun dovut minnufih.

2) Illi l-konvenuta thallas l-ispejjez tal-attrici ad eccezzjoni tad-drittijiet professjonali.

Illi wara dan il-verbal, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, "it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta' ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista' jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u dan billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u sitta w ghoxrin Euro u sitta w erbghin centezmu (€1,526.46), li ghandhom jithallsu f'hames pagamenti ugwali mensili ta' tliet mija u hames Euro u disgha w ghoxrin centezmu (€305.29) kull pagament, li ghandhom jibdew jithallsu fil-hmistax (15)-il jum ta' kull xahar, bl-ewwel pagament ikun fil-15 ta' Dicembru 2016. Ghal din is-somma jew kull bilanc talvolta dovut, ma jiddekorrix imghax. Jekk madankollu l-konvenuta tonqos milli thallas skadenza wahda, titlef il-beneficcju tat-terminu, u l-bilanc isir dovut minnufih. Kwantu ghall-ispejjez, il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez hekk kif mitluba mis-socjeta' attrici; hlief ghad-drittijiet professjonali, fejn kull parti ghandha thallas lill-konsulent legali taghha.**

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**